MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 319/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Camilleri talli:

(1) F'dawn il-Gzejjer u cioe` fi Triq San Pubbliju, Burmarrad, San Pawl il-Bahar, nhar-it 2 ta' Lulju 2001 ghall-habta tas-7.30 p.m. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` fil-karrozza bin-numru FAE 073 tal-marka Ford Escort, registrata f'isem Mark gauci ta' "Sienja Flats", Flat 1, Triq

Burmarrad, Burmarrad (I.D. 106974M), liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt lira (Lm1053.04);

(2) Fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Mark gauci (I.D. 106974M) liema offiza titqies bhala hafifa, u dan kif iccertifika t-Tabib N. Refalo M.D.

Il-Qorti giet mitluba li, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni ta' Mark Gauci (I.D. 106974M), ta' Emanuel Gauci (I.D. 62270M) u ta' Mario Gauci (I.D. 205857M) jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill-imsemmi Joseph Camilleri (I.D. 351548M) b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Ottubru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Camilleri hati ta' l-ewwel imputazzjoni izda ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu, u kkundannatu ghal tlettax-il xahar habs [***recte:*** prigunerija] sospizi ghal sentejn skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 u rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 taht penali ta' mitt lira (Lm100) ghal sena mid-data ta' dik is-sentenza li b'ebda mod ma javvicina, ikellem jew jivvessa lil Mark Gauci, Emanuel Gauci u Mario Gauci;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Camilleri pprezentat fis-16 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni izda thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni u, f'kaz li ma tigix milqugha din it-talba, tissostitwixxi l-piena nflitta b'wahda anqas severa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lil Dott. Toni Abela ghall-appellant jghid li kien qieghed jirrimetti ruhu ghar-rikors ta' appell u lil Dott. Anthony Barbara ghall-appellat jghid li kien qieghed jirrimetti ruhu ghall-provi;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta' l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. In materja ta' apprezzament ta' provi, pero`, gie kostantement ritenut li huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** imbaghad naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti stess osservat illi huwa kien *“heavily outnumbered”* meta gie aggredit, izda dak li jidher li wassal lill-ewwel Qorti tikkonkludi li l-hsara li huwa wettaq fuq il-karrozza ta’ Mark Gauci kienet volontarja kien il-fatt li huwa seta’ dahal ghall-harsien f’daru. Imbaghad ikompli jghid:

*“Fil-verita` l-esponent kien imwegga’ u ried malajr kemm jista’ jkun jimmedika ruhu u ma kienx hemm hin jistenna l-ambulanza f’post fejn kien ghad hemm l-aggressuri tieghu u dan kif jirrizulta mis-sentenza esebita. L-esponent kellu hsieb wiehed li jitlaq minn fuq il-post malajr kemm jista’ jkun. Jekk il-vettura kienet qieghda timblokkalu t-triq allura aktar u aktar jemergi car x’kienet l-intenzjoni tal-ahwa Gauci, ghax huma kienu l-proprjetarji tal-imsemmija vettura. Riedu proprju li jintrappolawh u kwindi l-esponent ma kellu ebda triq ohra hlief li jahrab minn dik it-trappola b’riskju li jikkawza hsara, pero` zgur mhux volontarja, fil-vettura ta’ Mark Gauci. Allura qatt ma setghet tigi addebitata l-akkuza ta’ hsara volontarja.”*

Din il-Qorti ezaminat il-provi u jirrizulta li l-verzjonijiet dwar meta saret il-hsara fuq il-karrozza huma konfliggenti. Mark Gauci xehed illi wara li habat ghalih l-appellant, l-appellant stess saqlu ghal gol-vann u f’dak il-hin cempel lil huh Emanuel Gauci biex jghidlu x’gara. Emanuel Gauci xehed illi meta mar fuq il-post ra l-vann ta’ huh imkisser quddiem u l-appellant jaghti lil huh u cempel liz-ziju tieghu Mario Gauci. Mario Gauci xehed li mar fuq il-post wara li

cempillu Emanuel Gauci u l-vann tan-neputi kien milqut. Da parti tieghu l-appellant jammetti li laqat il-karrozza ta' Mark Gauci u kkagunalha ammont ta' hsara, ghalkemm jghid ukoll li ma jahsibx li ghamilhom kollha hu d-danni, izda dan kien wara li kien qala' xebgha minghand il-familja Gauci u pprova jitlaq minn fuq il-post biex imur il-polyclinic tal-Mosta jew l-Isptar. Jghid illi laqat il-karrozza ghax ma setax isuq bl-ugiegh u l-qata li kellu. Huwa jfisser illi meta mar biex jikser it-trakk, billi dan huwa kbir, hass wega' kbira peress li nqalghetlu spaltu, u billi t-trakk mhux *power steering*, laqat il-karrozza ta' Mark Gauci. Il-verzjoni tieghu hi korroborata minn martu Maria Dolores Camilleri.

Evidentement l-ewwel Qorti kellha l-vantagg li tara u tisma' x-xhieda kollha. Kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda", kif ukoll "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9). Jidher illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li taghti affidament ghall-verzjoni moghtija minn Mark Gauci, almenu dwar il-fatt illi l-hsara saret fil-bidu tal-battibekk qabel ma waslu fuq il-post Emanuel Gauci u Mario Gauci. Difatti, dwar il-verzjoni li ta l-appellant l-ewwel Qorti qalet hekk:

**"Issa l-akkuzat qatt ma nnega li hu fil-fatt laqat it-truck ta' Gauci. Jghid pero` li ghamel hekk ghax wara x-xebgha li qala' kien imwerwer, allura tela' got-truck. Jghid ukoll li hu fl-istat li kien ma setax isuq ghax kien mugugh. Stranament jghid ukoll illi hu pprova jahrab minn fuq il-post u li ma riedx jistenna l-ambulanza ghax damet allura ried ifittex il-kura hu. Dan pero` meta qabel qal li ma setax isuq.**

**Frankament dan fil-fehma tal-Qorti xejn ma jaghmel sens. Camilleri kien biswit daru meta gara l-incident, kellu ghalhekk fejn imur mhux gol-kabina tat-truck, aktar jekk jaf ghax hekk gie suggerit li l-vettura miksura kienet qed tizgumbralu (*sic!*) t-triq. Dana kollu jwassal il-Qorti ghal konkluzjoni li d-danni kkagunati fuq il-vettura FAE-073 kienu ta' natura volontarja."**

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant fil-fatt itenni li l-vettura ta' Mark Gauci kienet qieghda timblokkalu t-triq u li l-intenzjoni tal-ahwa Gauci kienet li jintrappolawh u kwindi huwa ma kellu ebda triq ohra hlief li jahrab minn dik it-trappola b'riskju li jikkawza hsara, pero` zgur mhux volontarja, fil-vettura in kwistjoni. Pero` dan mhuwiex x'jghid fix-xiehda tieghu. Fix-xiehda tieghu jghid li huwa pprova jitlaq biex imur ghall-kura. Barra minn hekk fl-istess xiehda tieghu l-anqas ma jissuggerixxi li dik il-vettura kienet qed tingumbralu t-triq bl-intenzjoni indikata fir-rikors ta' appell, izda jghid li laqatha minhabba li ma setax jikkontrolla l-isteering minhabba l-ugigh.

Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma illi l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Huwa fil-fatt verosimili illi huwa ssubixxa aggressjoni feroci fuqu wara li kien iddanneggja l-vettura ta' Mark Gauci.

Konsegwentement l-aggravju dwar il-mertu huwa respint.

L-appellant jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li s-sentenza esebita [dik a fol. 145 sa 152] ma kellha ebda valur probatorju ghax kienet, fost ohrajn, kopja informali. Li tali sentenza hija kopja informali huwa minnu, izda mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' April 2006 jidher li kien hemm qbil mill-parte civile li dik kienet is-sentenza li kienet inghatat mill-Qorti ta' l-Appell Civili (wara appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar). Il-verita` hi, pero`, illi x'jigi deciz fil-foro civili ma jistax jorbot dak li jista' jigi deciz fil-foro penali, u vici-versa.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant ma jqisx kommensurabbli mal-kaz. Dwar il-piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun

hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

L-artikolu 325(a) tal-Kap. 9 jipprovdi illi jekk l-ammont tal-hsara volontarja tkun izjed minn hames mitt lira (Lm500), il-piena hija dik ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin. L-ewwel Qorti mponiet il-piena fil-minimu taghha u, in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, iddecidiet li tissospendi l-esekuzzjoni tas-sentenza ghal perijodu ta' sentejn. Jigifieri l-piena hija fil-parametri tal-ligi. Inoltre mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta li kien hemm okkazjoni fejn l-appellant ibbenefika minn *conditional discharge* wara li gie dikjarat hati li kkaguna offiza gravi per durata (sentenza tat-18 ta' April 1990) u okkazjoni ohra fejn ukoll inghata *conditional discharge* wara li gie dikjarat hati li kkaguna hsara volontarja fuq tractor. Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-kaz illi b'xi mod tvarja d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu operattiv jibda jiddekorri millum. Ghal kull bwon fini din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Fl-ahharnett, in vista ta' l-ordni maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha sabiex l-appellant jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9, l-imsemmija obbligazzjoni ghandha ssir bil-mod infraskritt.

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------